MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-23 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 188/13

Numru fuq il-Lista:

**Windsor Interiors Ltd (C-3707)**

**vs.**

**Tracy Paris**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-1 ta' April 2013, illi permezz tiegħu is-soċjetà attriċi attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta seba' mija u sitta u għoxrin Ewro (€720), premess illi:

1. Is-soċjetà attriċi biegħet u kkonsenjat merkanzija lill-intimata fuq ordni tagħha stess;

2. L-ammont dovut għal din il-merkanzija kien dak ta' Eur 2301.00;

3. Wara ħlasijiet li saru mill-intimata, il-bilanċ rimanenti hu dak ta' Eur 726.00;

4. Minkejja li l-intimata ġiet interpellata permezz ta' ittra uffiċjali (Nru 2039/12) datata 2 ta' Awwissu 2012, hija baqgħet inadempjenti;

5. Għaldaqstant, is-soċjetà attriċi kellha tiftaħ il-kawża odjerna sabiex totjeni l-ħlas ta' bilanċ rimanenti, bl-imgħax mid-data tal-Ittra Uffiċjali u bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali numru 2039/12.

Ra r-**Risposta tal-intimata**, ippreżentata fit-18 ta' Settembru 2013, fejn hija eċċepiet bir-rispett:

1. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante illi x-xogħol fuq il-mobbli mixtrija mill-konvenuta mingħand is-soċjetà attriċi ma sarx skont is-sengħa u l-arti;

2. Illi l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu respinti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-mobbli kkonsenjati ma humiex tal-kwalità pattwita;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Ra l-verbal tal-11 ta' Diċembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan il-każ jitratta kamra tas-sodda supplita mis-soċjetà attriċi lill-konvenuta fuq ordni tagħha stess. Mhuwiex kontestat illi l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi għadu dovut u m'huwiex imħallas.

Irriżulta illi meta ġiet installata l-istess kamra tas-sodda, il-konvenuta ma kinitx sodisfatta bit-tqassim intern tal-gwardarobba u hija ressqet diversi lmenti. Hija tħoss li stante dawn l-ilmenti tagħha, m'għandha tħallas xejn mill-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi.

It-Tribunal qiegħed preżentement jieħu konjizzjoni tal-ilmenti mressqa mill-konvenuta:

1. Kxaxen interni li ma jinfetħux għax jaħbtu mal-bieba – Jidher illi dawn ġew irranġati billi tneħħew l-ispacers tal-ġnub u ċċekknu l-kxaxen. Ir-riżultat huwa li l-konvenuta għandha kxaxen iżgħar minn dak miftiehem iżda li jinfetħu kompletament. Mhux argument ġust min-naħa tas-soċjetà attriċi li tgħid li l-konvenuta kienet avżata li dawn il-kxaxen ser jinfetħu ftit iżda mhux kompletament. Dan għaliex anke jekk *se mai* il-konvenuta aċċettat, kexxun li ma jinfetaħx kollu m'huwiex skond l-arti u s-sengħa u ma messu qatt ġie mibjugħ lill-konvenuta.

2. Ħela ta' spazju fil-gwardarobba – it-Tribunal ma jaqbilx. Jekk tneħħew *spacers*, tħalla minflok spazju miftuħ. Dawn l-ispazji li hemm dejjem jistgħu jiġu utilizzati biex wieħed ipoġġi oġġetti li min-natura tagħhom ma jintużawx b'mod frekwenti.

3. Intern imqassam b'mod li estetikament huwa ikrah – It-Tribunal iqis illi dan l-argument tal-konvenuta huwa ġustifikat. Wieħed jistenna li l-intern ikun imqassam skond il-bibien, mhux bil-mod li sar, fejn il-konvenuta għandha bastun f'nofs il-gwardarobba. It-tqassim intern tal-gwardarobba ma jidhirx li ġie miftiehem fil-mument tal-ordni jew li saret xi pjanta tat-tqassim. Diżinn f'dan is-sens kien jelimina l-problema odjerna.  Pero` il-klijent fin-nuqqas ta' ftehim, jippretendi li t-tqassim ikun skond l-arti u s-sengħa, speċjalment meta is-supplier  (għax dak ikun ix-xogħol tiegħu) ikun ferm iktar edott mill-mod kif għandhom imorru l-affarijiet mill-istess klijenta li ma jkollhiex daqstant esperjenza.

4. Trid titla fuq siġġu biex tilħaq ċerti spazji fil-gwardarobba – dan ma jistax jiġi meqjus bħala difett fil-gwardarobba, iżda jirriżulta bħala ħaġa naturali mill-għoli tal-gwardarobba. Il-gwardarobba supplita hija tal-istess għoli bħal dik tax-*showroom* u bħal dik ordnata u għalhekk l-ilment tal-konvenuta mhux ġustifikat.

In viżta ta' dan kollu suespost, jirriżulta fil-fehma tat-Tribunal illi

1. t-tqassim intern tal-gwardarobba ma sarx skond l-arti u s-sengħa
2. u l-kxaxen anke jekk illum ġew irranġati, ikkawżaw inkonvenjent lill-konvenuta sabiex setgħu ġew irranġati.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuta, stante dawn iż-żewġ ilmenti ġustifikati tagħha, m'għandhiex tħallas l-ammont sħiħ li għadu dovut lis-soċjetà attriċi u cioe ta' €726 iżda tħallas biss parti minnu. Ma jaqbilx li l-ammont pretiż għandu jiġi skontat biss bis-somma fqira ta' €20 / €50 (ix-xhieda ma qablux) kif ġie offrut mis-soċjetà attriċi lill-konvenuta. It-Tribunal *arbitrio boni viri* qiegħed jiffissa dan l-iskont li għandha tingħata l-attriċi fis-somma ta' tliet mija u ħamsa u erbgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€345.15) li jirrappreżenta ħmistax fil-mija (15%) tal-prezz intier tal-kamra tas-sodda. Għaldaqstant, meta wieħed inaqqas din is-somma ta' €345.15 mill-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi ta' €726, jirriżulta li l-konvenuta għandha tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' tliet mija u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€380.85).

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' tliet mija u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€380.85) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta Tracy Paris sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tliet mija u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċentezmu (€380.85), bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 2039/12 u tar-risposta tagħha, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur